MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-30 ta' Dicembru, 2004

Appell Kriminali Numru. 118/2003

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmel k/a Charles Attard**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carmel sive Charles Attard talli f'dawn il-Gzejjer bejn il-bidu ta' Lulju 1999 u l-ahhar ta' Awwissu 1999, minghajr il-permess tal-Ministru u minghajr l-awtorizzazzjoni skond il-ligi

1 xtara jew issellef flus ta' valuta estera u, cioe` 2400 GBP (elfejn u erba mitt sterlina) bi ksur tal-Artikoli 4 u 5 tal-Kap 233 tal-Ligijiet ta' Malta;

2 talli fl-istess perjodu, f'dawn il-gzejjer, iffalsifika jew mexxa biljetti ta' flus iffalsifikati u cioe` 800 GBP, bi ksur tal-Artikolu 45 tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta' Malta; u

3 talli minghajr awtorita` legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli xtara jew ircieva minghand xi persuna jew kellu fil-kustodja jew pussess tieghu biljetti tal-flus falsifikati li kien jaf li kienu falsifikati, u cioe` 800 GBP, bi ksur tal-Artikolu 46 tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta' Malta;

L-ewwel qorti kienet mitluba li tordna l-konfiska tal-oggetti kollha esebiti u dan skond l-Artikolu 23 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u skond l-Artikolu 42 tal-Kap 233 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-9 ta' Gunju 2003 li tghid hekk fil-parti dispozittiva taghha:

**"Ghalhekk tiddeciedi l-kawza billi ssib l-imputat hati biss tal-ewwel imputazzjoni sakemm l-istess titratta l-pussess ai termini tal-Artikolu 5 tal-Kap. 233 ukoll kif fuq inghad u tlliberah minn kull akkuza ohra. Rat l-imsemmi Artikolu 5 u 41 tal-Kap. 233 u fic-cirkostanzi tilllibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-periodu ta' xahar millum bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 22(1) tal-Kap. 466. Rat l-Artikolu 42 tal-istess Kap. 233 a [recte: u] tenut id-diskrezzjoni li l-Artikolu stess taghti [recte: jaghti] lill-qorti dwar konfiska topta li ma tikkonfiskax."** ;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Carmel sive Charles Attard, minnu pprezentat fis-19 ta' Gunju, 2003, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza fis-sens li hu jigi liberat ukoll mill-ewwel imputazzjoni in kwantu tirreferi ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 5 tal-Kap. 233, b'mod ghalhekk li hu jigi liberat mill-imputazzjonijiet kollha kif originarjament dedotti kontra tieghu;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-appellant instab hati biss ta' ksur ta' l-Artikolu 5 tal-Kap. 233 (kif dana l-artikolu kien qabel l-emendi fil-Kap. 233 introdotti bl-Att IX tal-2003) u cioe` talli bhala persuna li

ma kienx negozjant awtorizzat u li kien fil-pussess, jew kellu kontroll, ta' flus barranin f'Malta, naqas li joffri dawk il-flus barranin, jew naqas li jara li jigu offerti, ghall-bejgh lil negozjant awtorizzat, u meta ma kellux il-kunsens tal-Ministru responsabbli mill-finanzi sabiex izomm u juza dawk il-flus jew jiddisponi minnhom favur xi persuna ohra.

L-appellant mhux jikkontesta l-fatt li huwa kien, fil-periodu indikat fic-citazzjoni, fil-pusses ta' flus barranin; anqas ma hu qed jikkontesta l-fatt li huwa ma offrihomx ghall-bejgh lil negozjant awtorizzat jew li ma kellux il-permess tal-Ministru biex jiddisponi minnhom b'xi mod iehor. L-aggravju tieghu hu li skond ir-regolament 4(c) tal-Avviz Legali 9 tal-1973 hu ma kellux ghalfejn joffri jew jara li jigu offruti ghall-bejgh dawk il-flus barranin li kellu fil-pussess tieghu u dan peress li, dejjem skond l-istess appellant, dan ir-regolament jirrendi inapplikabbli l-Artikolu 5 tal-Kap. 233 billi l-ammont ta' flus barranin li kellu ma kienx jeccedi l-ghoxrin elf lira (Lm20,000).

Dana l-aggravju huwa wiehed fieragh, u dan ghar-ragunijiet segwenti:

1. Ghalkemm huwa minnu li <u>meta gie intavolat ir-rikors ta' appell</u> il-paragrafu (c) tar-regolament 4 tal-A.L. 9/73 kien jipprovdi li *"The provisions of article 5 of the Act shall not apply where the foreign currency is in the possession or under the control of…any resident if the aggregate value of the foreign currency, including any sums held in a foreign currency (demand deposit) account with a credit institution in Malta, does not exceed <u>twenty thousand liri</u>"* (sottolinear ta' din il-Qorti), f'Lulju u Awissu tal-1999 l-ammont li wiehed seta' jkollu skond dan il-paragrafu (u allura minghajr il-htiega li joffri dak il-flus ghall-bejgh lil negozjant awtorizzat ecc.) kien ta' <u>mhux aktar minn elf lira</u> (A.L. 187/73). Kien biss permezz ta' l-A.L. 226/99 <u>u li gie fis-sehh fl-1 ta' Jannar, 2000</u>, li dan l-ammont tela' ghal mhux aktar minn <u>elfejn u hames mitt lira</u>. Bir-rata tal-kambju kif kienet fil-periodu inkriminat – Lulju / Awissu 1999 – l-ammont ta' 2,400 lira sterlina kien jeccedi bil-ferm l-ammont ta' elf lira maltin.

2. L-anqas huwa korrett l-appellant meta jipprova jargumenta li *"…fil-kamp penali jekk ikun hemm tibdil fil-ligi ghandha dejjem tigi applikata dik il-ligi li hija l-izjed favorevoli ghall-imputat…"*. Dan huwa minnu biss in kwantu jekk tinbidel il-piena ghandha tigi applikata l-piena l-anqas gravi (Art. 27 tal-Kodici Kriminali). Fil-kaz in dizamina ghandna tibdil, izda dan hu fis-sens li dak li kien reat f'Lulju / Awissu 1999 ma baqax hekk fl-1 ta' Jannar, 2000. Ir-reat, ghalhekk, gie kommess f'Lulju / Awissu 1999, u il-fatt li dak l-istess ghemil jew nuqqas li kien reat f'dawn ix-xhur ma baqax hekk mill-1 ta' Jannar, 2000 ma jfissirx li r-reat ma jkunx gie kommess jew li ma jkunux jistghu jittiehdu proceduri kriminali fir-rigward ta' dak l-ghemil jew nuqqas. Ghal sitwazzjoni simili japplika l-Artikolu 12(1)(d) tal-Att dwar l-Interpretazzjoni (Kap. 249) li huwa carissimu fil-portata tieghu[1].

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. U peress li dana l-appell huwa wkoll wiehed fieragh fis-sens tal-Artikolu 429(2) tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-appellant ammenda ta' erbghin lira (Lm40), konvertibbli fi tmint (8) ijiem detenzjoni f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi. Ix-xahar tal-liberta` kundizzjonata jibda jiddekorri mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Ara *passim* **The Police v. Edward Joseph O'Connor**, App. Krim., 17/11/2003